



Brussell, 13 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

13370/22

ENFOPOL 497
SPORT 44
JAI 1313

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	13 ta' Ottubru 2022
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 12152/22	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ħtieġa li jiġi evitat u miġġieled l-użu ta' pirotekniċi fiż-żoni tal-ispettaturi fl-istadiums tal-futbol u f'postijiet sportivi oħra – <i>Konklużjonijiet tal-Kunsill (13 ta' Ottubru 2022)</i>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ħtieġa li jiġi evitat u miġġieled l-użu ta' pirotekniċi fiż-żoni tal-ispettaturi fl-istadiums tal-futbol u f'postijiet sportivi oħra, approvati mill-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) fit-3899 laqgħa tiegħu li saret fit-13 ta' Ottubru 2021.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ħtieġa li jiġi evitat u miġġieled l-użu ta' pirotekniċi fiż-żoni tal-ispettaturi fl-istadiums tal-futbol u f'postijiet sportivi oħra.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

- (1) Wara li kkunsidra l-Artikolu 2 (Id-dritt għall-ħajja), l-Artikolu 3(1) (Id-dritt għall-integrità fiżika) u l-Artikolu 31(1) (Id-dritt għal kundizzjonijiet tax-xogħol li jirrispettaw is-saħħa, is-sigurtà u d-dinjità tiegħu) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea
- (2) Wara li kkunsidra l-oġettiv tal-Unjoni Ewropea li tipprovdi liċ-ċittadini livell għoli ta' sigurtà fi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja permezz tal-iżvilupp ta' azzjoni komuni bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija.
- (3) Wara li kkunsidra s-saħħa, is-sigurtà u s-sikurezza ta' miljuni ta' ċittadini Ewropej li kull sena jaqsmu l-Ewropa biex jattendu logħbiet u tornej tal-futbol (u avvenimenti sportivi oħra) Ewropej.
- (4) Wara li kkunsidra s-saħħa, is-sigurtà u s-sikurezza tal-bosta eluf ta' ċittadini Ewropej li jipparteċipaw, jidderieġu, jorganizzaw u jipprovdu funzjonijiet essenzjali ta' sigurtà, sikurezza u funzjonijiet oħra fl-istadiums tal-futbol u f'postijiet sportivi oħra.
- (5) Wara li kkunsidra l-varjazzjonijiet fost l-Istati Membri fir-rigward (i) taċ-ċirkostanzi kostituzzjonali, ġudizzjarji, kulturali u storiċi tagħhom u (ii) tal-karattru u s-severità tal-użu ta' pirotekniċi assoċjat mal-futbol u avvenimenti sportivi oħra.
- (6) Wara li kkunsidra d-data disponibbli li turi l-użu mifrux ta' oġġetti pirotekniċi fost is-sostenituri tal-futbol ġewwa stadiums tal-futbol f'tornej u logħbiet tal-futbol reċenti oħra b'dimensjoni internazzjonali, u logħbiet f'kompetizzjonijiet nazzjonali fl-Istati Membri.

- (7) Wara li kkunsidra s-sejbiet inekwivokabbli ta' studju xjentifiku indipendenti fir-rigward tar-riskji għas-saħħa u s-sigurtà assoċjati mal-użu ta' oġġetti pirotekniċi fl-istadiums tal-futbol¹, li fost oħrajn ikkonkluda li ma huwa possibbli ebda użu sigur ta' apparati pirotekniċi fiż-żoni tal-ispettaturi fl-istadiums tal-futbol u f'areni sportivi oħra².
- (8) Wara li kkunsidra l-ħsara mġarrba mill-ispettaturi, il-plejers u l-uffiċjali u l-persunal tas-sigurtà u s-sikurezza pubbliku u privat stazzjonat f'postijiet tal-futbol u f'postijiet sportivi oħra kemm minħabba użu apertament kriminali kif ukoll dak ċelebrattiv ta' oġġetti pirotekniċi.
- (9) Wara li kkunsidra s-serjetà ta' din il-kwistjoni u l-fatt li l-użu ta' oġġetti pirotekniċi f'postijiet tal-futbol u f'postijiet sportivi oħra huwa reat kriminali jew amministrattiv fl-oqfsa legali fil-maġġoranza tal-Istati Membri.
- (10) Wara li kkunsidra l-fatt li l-gvernijiet nazzjonali, il-klabbs u l-awtoritajiet tal-futbol³, il-pulizija u aġenziji applikabbli oħra f'kull pajjiż jeħtieġ li jaħdmu bi sħab sabiex jimplimentaw il-liġijiet nazzjonali u jipproteġu s-saħħa u s-sigurtà tal-ispettaturi, il-plejers, l-uffiċjali u l-persunal tas-sikurezza u s-sigurtà pubbliku u privat, u oħrajn li jipparteċipaw f'logħbiet tal-futbol.
- (11) Wara li kkunsidra l-oġġettiv strateġiku stabbilit fil-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 2018 u l-Programmi ta' Hídma sussegwenti dwar miżuri ulterjuri mfassla biex jimmassimizzaw is-sigurtà u s-sikurezza b'rabta ma' avvenimenti sportivi, b'mod partikolari l-logħbiet tal-futbol, b'dimensjoni internazzjonali, li rrakkomanda l-adozzjoni minn kull Stat Membru ta' approċċ nazzjonali integrat, bis-sehem ta' diversi aġenziji, għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-użu ta' oġġetti pirotekniċi, fl-istadiums tal-futbol, u fi stadiums sportivi oħra;
- (12) Wara li kkunsidra d-Direttiva 2013/29/UE tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri, fejn l-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri nazzjonali biex jillimitaw l-użu jew il-bejgħ ta' ċerti kategoriji ta' oġġetti pirotekniċi lill-pubbliku ġenerali speċjalment għal raġunijiet ta' sikurezza pubblika jew ta' saħħa u sigurtà;

¹ Rapport tal-Istudju dwar "Pyrotechnics in Stadia: Health and Safety issues relating to the use of pyrotechnics in football stadia" minn Dr Tom Smith (f'kollaborazzjoni ma' kollegi esperti minn madwar l-Ewropa kollha) f'Novembru 2016.

² Iż-żoni tal-ispettaturi jinkludu d-daħliet, l-ispazji miftuħa, u t-tribuni.

³ Assoċjazzjonijiet nazzjonali tal-futbol jew assoċjazzjonijiet internazzjonali tal-futbol.

(13) Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2022/915/UE tad-9 ta' Ġunju 2022 dwar il-kooperazzjoni operattiva fl-infurzar tal-liġi, li tipprovdi gwida u standards biex tittejjeb il-kooperazzjoni transkonfinali fl-Unjoni Ewropea.

IL-KUNSILL:

JAPPELLA lill-Istati Membri biex, permezz tal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi tagħhom u awtoritajiet pubbliċi rilevanti oħra, jiżviluppaw strateġija komprensiva nazzjonali għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-pussess u l-użu ta' oġġetti pirotekniċi fl-istadiums tal-futbol.

IHEĠĠEGĠ lill-Istati Membri biex jadottaw u jimplimentaw strateġija nazzjonali, integrata, bis-sehem ta' diversi aġenziji fir-rigward tal-logħbiet kollha tal-futbol li jintlagħbu fl-istadiums, u biex japplikaw il-miżuri fir-rigward ta' avvenimenti sportivi internazzjonali u nazzjonali oħra li jintlagħbu f'areni sportivi, fejn xieraq.

JISĦAQ li, meta jiżviluppaw l-approċċ nazzjonali tagħhom, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw komponenti mudell għal strateġija nazzjonali, integrata, bis-sehem ta' diversi aġenziji, li jinsabu fl-anness.

JENFASIZZA li l-Kunsill ser jevalwa l-implimentazzjoni ta' din il-Konklużjoni fi żmien tliet snin mill-adozzjoni tagħha bil-ħsieb li jiġu adottati aktar miżuri biex tiġi indirizzata l-problema tal-użu ta' oġġetti pirotekniċi f'postijiet tal-futbol u f'postijiet sportivi oħra, u fi spazji konfinati oħra assoċjati ma' avvenimenti sportivi bħal dawn.

**Il-Prevenzjoni u l-Indirizzar tal-Użu ta' Oġġetti Pirotekniċi fl-Istadiums tal-Futbol u
f'Postijiet Sportivi oħra fejn xieraq**

Komponenti Mudell ta' Approċċ Integrat Nazzjonali, bis-sehem ta' Diversi Aġenziji

Il-komponenti rakkomandati huma ppreżentati f'taqsimiet tematiċi għall-faċilità ta' riferiment, madankollu ta' min wieħed jenfasizza li ser ikun hemm sovrappożizzjoni fil-miżuri rakkomandati u jeħtieġ li jiġu żviluppati u implimentati bħala parti minn approċċ komprensiv.

L-enfasi hija fuq l-użu ta' oġġetti pirotekniċi fl-istadiums tal-futbol iżda tista' tiġi applikata għal postijiet sportivi oħra fejn xieraq.

It-temi koperti huma:

1. Narrattiva u Prinċipji tal-Istrateġija
2. Komunikazzjoni
3. Arranġamenti ta' Koordinazzjoni fil-Livell Nazzjonali
4. Arranġamenti għall-Ġestjoni tas-Sigurtà u s-Sikurezza tal-Istadiums
5. Strateġiji u Operazzjonijiet taż-Żamma tal-Ordni fir-rigward tal-Futbol
6. Prosekuzzjoni u Awtoritajiet ta' Aġġudikazzjoni
7. Arranġamenti ta' Taħriġ

Sommarju tal-Komponenti Mudell.

1. Narrattiva u Prinċipji tal-Istrateġija (ara wkoll il-komunikazzjonijiet hawn taħt)

- a) In-narrattiva tal-istrateġija għandha tiffoka biss fuq l-imperattivi tas-saħħa u s-sigurtà u twarrab kwalunkwe suġġeriment ta' motivazzjoni alternattiva⁴.
- b) Biex tissaħħaħ din in-narrattiva, l-istrateġija għandha titfassal u titwassal bl-għan li tiġi marġinalizzata l-influwenza ta' individwi u gruppi li jkomplu jużaw oġġetti pirotekniċi, jew jinkoraġġixxu l-użu tagħhom, fl-istadiums, minkejja r-riskji li jinħolqu għas-sostenituri l-oħra u oħrajn.
- c) Sabiex jissaħħu l-perċezzjonijiet tal-leġittimità tal-istrateġija fost is-sostenituri, in-narrattiva għandha tenfasizza l-intenzjoni li jiġu protetti s-saħħa u s-sigurtà tal-bniedem u għandha ssegwi politiki u sanzjonijiet fil-konfront tal-awturi tar-reati aktar milli lejn is-sostenituri b'mod ġenerali.
- d) Sabiex jissaħħu aktar il-perċezzjonijiet ta' leġittimità fost l-atturi rilevanti kollha, in-narrattiva għandha tinkoraġġixxi u tiffaċilita l-parteċipazzjoni tas-sostenituri fl-iżvilupp tal-koordinazzjoni/manifestazzjonijiet, mingħajr oġġetti pirotekniċi, ta' appoġġ mis-sostenituri fl-istadiums.

2. Komunikazzjoni

- a) In-narrattiva tal-istrateġija għandha tkun mirfuda minn strateġija proattiva bis-sehem ta' diversi aġenziji fir-rigward tal-komunikazzjoni u l-ġestjoni tal-media, adattata sabiex tissodisfa l-ħtiġijiet u ċ-ċirkostanzi nazzjonali, u bil-għan li:
 - tenfasizza s-sejbiet tal-istudju xjentifiku indipendenti;
 - tinforma u tinfluwenza l-perċezzjonijiet tal-partijiet kollha, inkluż is-sostenituri, il-gvern, il-pubbliku u l-prattikanti involuti fl-ippjanar u l-arranġamenti operazzjonali għal avvenimenti tal-futbol;

⁴ Direttiva 2013/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relattivament għad-disponibbiltà fis-suq ta' oġġetti pirotekniċi

- tispjega kif u għaliex l-użu ta' oġġetti pirotekniċi fl-istadiums qed joħloq riskji sostanzjali għas-saħħa u s-sigurtà fuq terminu qasir u twil għall-utenti, is-sostenituri l-oħra, il-persunal tal-istadiums u tas-servizz ta' emerġenza, il-plejers u l-uffiċjali, u oħrajn;
- tispjega l-ħtieġa konsegwenzjali għal miżuri preventivi u ta' infurzar imfassla biex jipproteġu lill-ispettaturi, il-persunal tal-istadium u tas-servizz tal-emerġenza u oħrajn mir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà kkawżati mill-użu ta' oġġetti pirotekniċi fl-istadiums.

b) L-istrategġija tal-komunikazzjoni u tal-media għandha tagħmel użu sħiħ minn materjal edukattiv u ta' spjegazzjoni ta' kwalità għolja, li jista' jimmassimizza l-impatt ta' kampanji nazzjonali minn diversi aġenziji, ta' komunikazzjoni, edukazzjoni u prevenzjoni.

3. Arranġamenti ta' Koordinazzjoni fil-Livell Nazzjonali

a) Sabiex jintwera impenn politiku ta' livell għoli u tiġi ffaċilitata l-effettività tal-koordinazzjoni bejn diversi aġenziji, l-iżvilupp u l-applikazzjoni tal-istrategġija għandhom jitmexxew minn korp responsabbli fil-livell governattiv.

b) L-istrategġija għandha tkun komprensiva, konformi mal-prattiki tajbin Ewropej stabbiliti, u tappoġġa l-armonizzazzjoni tal-qafas leġiżlattiv u regolatorju nazzjonali bl-għan li tinkorpora dispożizzjonijiet li:

- jipprovdu ċarezza dwar ir-rwoli u r-responsabbiltajiet ta' kull aġenzija involuta f'operazzjonijiet ta' sigurtà u sikurezza fl-istadiums tal-futbol;
- jirrakkomandaw li l-awtoritajiet pubbliċi u tal-futbol rilevanti kollha jingħataw il-fakultà, il-kapaċità u l-obbligu li jaġixxu b'mod effettiv kontra l-użu ta' oġġetti pirotekniċi fl-istadiums tal-futbol;
- jirrakkomandaw li jiġi żgurat li hu reat kriminali jew amministrattiv li kwalunkwe persuna tuża, jew ikollha fil-pussess tagħha, kwalunkwe apparat pirotekniku, jew parti komponenti, mad-dħul jew waqt li tkun fi stadium tal-futbol;

- jirrakkomandaw li jiġi żgurat li hu reat kriminali jew amministrattiv li sid, manager, operatur, impjegat (dirett jew b'kuntratt) ta' klabb jew ta' stadium, jew parti terza, jinkoraġġixxi jew jiffaċilita l-użu ta' oġġetti pirotekniċi mis-sostenituri fl-istadiums;
- jikkwalifikaw bħala reat kriminali jew amministrattiv l-importazzjoni jew id-distribuzzjoni ta' oġġetti pirotekniċi, li jkunu intużaw jew ikunu bl-għan li jintużaw fl-istadiums tal-futbol;
- jirrakkomandaw li jkun hemm rabta diretta bejn iċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà tal-istadiums u l-ftehim tal-liċenzja tal-istadiums mal-applikazzjoni ta' arranġamenti komprensivi għall-ġestjoni tas-sigurtà tal-istadiums li jinkorporaw, fost oħrajn, strateġija effettiva dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-użu ta' oġġetti pirotekniċi.

4. Arranġamenti għall-Ġestjoni tas-Sigurtà u s-Sikurezza tal-Istadiums

- a) L-istrateġija għandha tiżgura approċċ konsistenti għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-użu ta' oġġetti pirotekniċi fl-istadiums kemm fir-rigward ta' loġġbiet domestiċi kif ukoll dawk internazzjonali.
- b) L-istrateġija għandha tobbliga lill-awtoritajiet tal-futbol biex jikkoordinaw it-tnejn u l-użu ta' dispożizzjonijiet mudell dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-użu ta' oġġetti pirotekniċi fl-istadiums għall-inklużjoni fir-regolamenti dwar is-sigurtà tal-istadiums u l-operazzjonijiet ta' sigurtà u ta' sikurezza tal-istadiums.
- c) L-istrateġija għandha tipprovdi r-rakkomandazzjoni li jiġi żgurat li l-awtoritajiet, il-klabbs u l-Uffiċjali ta' Kollegament mas-Sostenituri tal-futbol jinvolvu ruħhom mal-gruppi tas-sostenituri fir-rigward tar-riskji assoċjati mal-użu ta' oġġetti pirotekniċi fl-istadiums.
- d) L-istrateġija għandha tipprovdi r-rakkomandazzjoni li jiġi żgurat li l-awtoritajiet u l-klabbs tal-futbol jaħdmu mal-pulizija fl-identifikazzjoni u l-azzjoni fil-konfront ta' individwi li jużaw apparat pirotekniku, u ta' dawk l-individwi li jikkoordinaw l-użu ta' oġġetti pirotekniċi.
- e) L-istrateġija għandha thegħġeg lill-korpi regolatorji/dixxiplinarji u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra biex jikkunsidraw opzjonijiet imfassla biex jippromwovu u jiffaċilitaw l-iżvilupp alternattiv (mhux pirotekniku) ta' koordinazzjoni tas-sostenituri fl-istadiums tal-futbol.

5. Strateġiji u Operazzjonijiet taż-Żamma tal-Ordni fir-rigward tal-Futbol

- a) L-istrateġija għandha tirrikjedi li daww li jfasslu l-politika dwar iż-żamma tal-ordni, u l-prattikanti jiżguraw li l-operazzjonijiet taż-żamma tal-ordni fir-rigward tal-futbol jiġu ppjanati u mwettqa b'riconoxximent sħiħ li l-użu ta' kull apparat pirotekniku fl-istadiums jista' jgħallq riskji sinifikanti għas-saħħa u s-sigurtà pubblika u li, minħabba f'hekk, għandu jiġi evitat u miġġieled.
- b) L-istrateġija għandha tinkoraġġixxi l-użu xieraq tal-possibbiltà stabbilita fid-Direttiva 2013/29/UE li tippermetti li l-Istati Membri jadottaw miżuri nazzjonali biex jipprojbixxu jew jirrestrinġu l-pussess, l-użu u/jew il-bejgħ ta' oġġetti pirotekniċi għal raġunijiet ta' ordni pubbliku, sikurezza, saħħa u sigurtà.
- c) L-istrateġija għandha tolqot bl-esklużjoni u sanzjonijiet oħra, lil individwi li jużaw, jorganizzaw jew jiffaċilitaw l-użu ta' oġġetti pirotekniċi, jew li jkollhom fil-pussess tagħhom xi apparat pirotekniku, jew parti komponenti, fl-istadiums tal-futbol.
- d) L-istrateġija għandha tinkludi miżuri mfassla biex jinfurzaw id-Direttiva tal-UE dwar l-Oġġetti Pirotekniċi 2013/29 rigward iċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti u l-kontrolli tal-provvista, u d-dispożizzjonijiet dwar il-klassifikazzjoni u t-trasport stabbiliti fil-Ftehim dwar it-Trasport ta' Oġġetti Perikolużi fl-Ewropa (ADR).
- e) L-istrateġija għandha tinkoraġġixxi lill-awtoritajiet pubbliċi rilevanti jidentifikaw u jsewju miżuri biex ifixxlu u jipprevjenu l-importazzjoni u d-distribuzzjoni illegali (inkluż permezz ta' sorsi online) ta' oġġetti pirotekniċi u l-faċilitazzjoni tal-użu illegali ta' oġġetti pirotekniċi fl-istadiums, u tolqot lill-awturi tar-reati billi timponi fuqhom sanzjonijiet u miżuri ta' esklużjoni. Fejn xieraq, il-partijiet ikkonċernati bħall-UEFA, l-assoċjazzjonijiet nazzjonali u l-klabbs jistgħu jkunu involuti fl-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet fuq l-aċċess abbażi tal-imġiba preċedenti.

6. Prosekuzzjoni u Awtoritajiet ta' Aġġudikazzjoni

- a) L-istrateġija għandha tinkludi arranġamenti biex jiġi żgurat li l-korpi ta' prosekuzzjoni u l-awtoritajiet ġudizzjarji u amministrattivi tal-aġġudikazzjoni jifhmu bis-sħiħ ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà assoċjati mal-użu ta' oġġetti pirotekniċi fl-istadiums tal-futbol.

7. Arranġamenti ta' Taħriġ

- a) L-istrateġija għandha tiżgura li fit-taħriġ tal-persunal kollu tas-sikurezza u s-sigurtà tal-istadiums jiġu inklużi sessjonijiet dwar il-prevenzjoni u r-rispons għall-użu ta' oġġetti pirotekniċi fl-istadiums, irrispettivament minn jekk tali persunal ikunx impjegat direttament jew b'kuntrattat.
- b) L-istrateġija għandha tiżgura li attivitajiet nazzjonali u pan-Ewropej ta' taħriġ taż-żamma tal-ordni fir-rigward tal-futbol għandhom jinkludu sessjonijiet dwar il-ħtieġa li jiġi evitat u miġġieled l-użu ta' oġġetti pirotekniċi.
- c) L-istrateġija għandha tiżgura li t-taħriġ konġunt nazzjonali u pan-Ewropew tal-uffiċjali tas-sigurtà (tas-sikurezza) tal-istadiums u tal-persunal tal-pulizija għandu jinkludi sessjonijiet dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-użu ta' oġġetti pirotekniċi fl-istadiums.
- d) L-istrateġija għandha tinkoraġġixxi lill-awtoritajiet u l-klabbs tal-futbol biex iqajmu kuxjenza fost il-plejers u l-uffiċjali tal-logħob dwar il-ħtieġa li jiġi evitat kwalunkwe kuntatt ma' oġġetti pirotekniċi u, fil-każ ta' atturi rilevanti bħal plejers, kowċis u maniġers biex jevitaw li, b'mod konxju jew involontarju, jinkoraġġixxu jew jappoġġaw l-użu ta' oġġetti pirotekniċi.
- e) L-istrateġija għandha ssir għodda għall-edukazzjoni u t-taħriġ ta' gruppi ta' sostenituri dwar ir-riskju kkawżat mill-użu ta' oġġetti pirotekniċi fl-istadiums.
